**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Ħamis, 9 ta' Novembru 2023**

**Kawża Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 572/2023 JVC**

**Stefanie Zammit (I.D. 0060688M) u AV Raichura Zammit precedentement maghruf bhala Avnish Hiteshkumar Raichura bin-numru ta' passaport Ingliz 560962501 u Albert Zammit bhala kuratur ad litem tal-minuri Shazia Savannah Zammit**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li jaqra kif isegwi:

‘1. Illi l-minuri **Shazia Savannah Zammit** twieldet fid-dsatax (19) ta’ Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) gewwa Carshalton, gewwa R-Regnu Unit u l-estratt tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru tal-Persuni Adottati mid-Direttur tar-Registru Pubbliku numru elfejn erba’ mija u erbgha u ghoxrin (2024) kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok. A;

Illi l-minuri giet adottata gewwa l-Ingilterra kif jirrizulta mid-dokument B;

Illi l-minuri hija maghrufa b’ isem SAVANNAH SHAZIA u mhux kif hemm imnizzel fl-estratt tat-twelid hawn fuq indikat;

Illi l-minuri ghandha citadinanza doppja, dik Maltija u dik Ingliza;

Illi l-esponenti ikkorregiet l-isem tal-minuri permezz ta’ deed poll datat 2 ta’ Gunju 2019 li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument C;

Illi sussegwentement l-minuri li hija ukoll cittadina tar-Regnu Unit inhargilha passaport Ingliz bl-isem korrett u dan kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dokument D;

Illi dejjem kienet l-intenzjoni tal-genituri li t-tifla tissejjah SAVANNAH SHAZIA u hija maghrufa bl-isem ta’ SAVANNAH SHAZIA;

Illi huwa fl-interess tal-minuri li l-estratt tat-twelid taghha registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta jirrifletti l-isem ufficjali taghha u li l-isem taghha fuq il-passaport Ingliz u dak Malti ikunu identici;

Illi inoltre hemm zball tipografiku fl-ewwel kolonna fejn il-lok tat-twelid gie imnizzel Catshalton minflokk CARSHALTON

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex

1. Tordna l-korrezzjoni fir-registrazzjoni fir-Registru tal-Persuni Adottati bin-numru elfejn erba mija u erbgha u ghoxrin (2424) billi todna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi taht l-intestatura Isem u kunjom tal-persuna adottata jithassar l-isem " SHAZIA SAVANNAH "u jigi sostitwit bl-isem "**SAVANNAH SHAZIA** "

2. Tordna l-korrezzjoni fil-kolonna fejn hemm imnizzel l-isem il-lok tat-twelid tal-minuri billi jithassar l-post Catshalton u minflokk jigi sostitwit CARSHALTON.

3. Tordna sussegwentement lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotament u tibdil mehtiega fl-intestatura "isem u kunjom tal-persuna adottata" u taht l-intestatura "data, pajjiz u lok tat-twelid tal-persuna adoddata"

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament jingħad illi fir-rikors promotur mhuwiex spjegat fuq liema bażi qegħda issir din l-azzjoni. L-esponent qiegħed għalhekk jassumi illi tali azzjoni qegħda tiġi ibbażata a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi magħdud mal-premess, isegwi għalhekk illi trid ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

4. Illi mill-informazzjoni fil-poteri tal-esponent jirriżulta illi skont ir-Reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati b'numru 2424, liema kopja hija annessa mar-rikors ġuramentat, il-minuri "Shazia Savannah Zammit" twieldet nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju 2017 ġewwa 'Catshalton' fir-Renju Unit u dana skont digriet t'adozzjoni mogħti fil- wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2019. Tali reġistrazzjoni saret *ad verbatim* mill-esponent u dan skont l-informazzjoni dedotta mill-istess digriet. Għaldaqstant ċertament ma jistgħax jingħad li sar xi żball jew nuqqas mill-esponent;

5. Illi minn dak li jirriżulta fir-rikors promotur jidher illi r-rikorrenti qegħdin jisħqu illi l-minuri hija magħrufa bl-isem "Savannah Shazia" u mhux bħala "Shazia Savannah" u dana anke wara li tali isem inbidel permezz ta' deed poll ġewwa ir-Renju Unit (anness bħala Dokument Ċ mar-rikors ġuramentat). Ir-rikorrenti jisħqu ukoll illi hemm żball tipografiku fl-ewwel kolonna taċ-Ċertifikat ta' Adottazzjoni imsemmi fejn il-lok tat-twelid ġie mniżżel "Catshalton" minflok "Carshalton";

6. Illi tajjeb jiġi rilevat illi dwar din it-talba ġia tressaq r-rikors quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, liema rikors ġie miċħud permezz ta' digriet datat tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru 2022 stante illi l-istess Qorti ddeċidiet illi m'għandhiex kompetenza titratta u tiddeċiedi tali talba, kopja tad-digriet anness u mmarkat Dok. A;

7. Illi dwar it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirimetti ruħu salv illi l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u in oltre illi:

8. Specifikament dwar **l-ewwel talba** għandu jiġi kjarifikat illi kwalunkwe korrezzjoni tista' ssir biss taħt il-kolonna ntestata "Isem u kunjom tal-persuna adottata" u mhux dik intestata "Isem u kunjom il-Wild". Dan jidher li kien żball di parti tar-rikorrenti stante illi fit-tielet talba l-kolonna msemmija tissejjaħ bl-intestatura t-tajba u għaldaqstant għandha ssir korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi dwar **it-tieni talba**, r-rikorrenti għandhom jippreċiżaw l-isem eżatt tal-lok tat-twelid u dan bi prova sodisfaċenti;

10. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 30 tal-proċess.

Rat illi t-tmien eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat giet sorvolata permezz tal-korrezzjoni fl-ewwel talba kif awtorizzata llum stess minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-*deed poll* li jevidenzja li l-minuri effettivament ghazlet li tissejjah bl-isem ta' 'Savannah Shazia' u mhux l-isem 'Shazia Savannah'. Rat ukoll id-dokumentazzjoni kollha esebita li turi li l-minuri tuza l-isem ta' 'Savannah Shazia' u mhux l-ismijiet inversi.

Illi dwar it-talba sabiex jigi korrett l-indikazzjoni tal-post tat-twelid, jirrizulta car li sar zball tal-pinna li izda muhiex attribwibbli lid-Direttur intimat.

Illi in vista tas-suespost l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti, kif korretti, huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant ghar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-korrezzjoni fir-registrazzjoni fir-Registru tal-Persuni Adottati bin-numru elfejn erba mija u erbgha u ghoxrin (2424) billi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex taht l-intestatura 'Isem u kunjom tal-persuna adottata' jithassar l-isem " SHAZIA SAVANNAH "u jigi sostitwit bl-isem "**SAVANNAH SHAZIA** ";

3. Tilqa' it-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fil-kolonna fejn hemm imnizzel isem il-lok tat-twelid tal-minuri billi jithassar l-post indikat bhala 'Catshalton' u minflok jigi sostitwit bl-isem korCARSHALTON;

4. Tilqa' it-tielet talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotamenti u tibdil mehtiega fl-intestatura "isem u kunjom tal-persuna adottata" u taht l-intestatura "data, pajjiz u lok tat-twelid tal-persuna adoddata";

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Novembru 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**9 ta' Novembru 2023**